MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 463/2009

**GO plc**

**Vs**

**Angelo Zahra**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar d-dsatax (19) ta' Novembru 2009, permezz ta' liema talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici, li precedentement kienet topera bhala Maltacom plc, s-somma ta' tlett elef tmien mija u tmienja w disghin euro u tmienja w hamsin euro centezmu (€3898.58) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 21443171, 21443172, 21443173 u 21431920 (AC40068530 u 10187661).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq d-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Jekk jonqos li jidher fil-jum u s-siegha fuq imsejjin, il-Qorti tiddeciedi skond l-ligi.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikati bl-avviz kif jirrizulta mir-riferta posittiva datata tnax (12) ta' Jannar 2010 inserita fl-atti a fol. 20 u cioe permezz t'affissjoni li saret mal-Kunsill Lokali ta' hal Lija u l-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara nhar t-tnax (12) ta' Jannar 2010, skond r-riferta tal-Marixxal Raymond Falzon.

Rat wkoll li l-imputat gie notifikat permezz t'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar t-tmintax (18) ta' Dicembru 2009 (fol. 16) u fil-gazzetta lokali 'The Times', tal-harga tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2009 (fol. 17).

Illi fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2010 s-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2010 il-konvenut imsejjah sabiex iwiegeb ghas-subizzjoni tas-socjeta attrici baqa ma deherx la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija u tmienja w disghin euro u tmienja w hamsin euro centezmu (€3898.58) dovuti minghandu, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------